MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Numru. 315/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Malcolm Bondin]**

**vs**

**Seber Elkekli**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Seber Elkekli Pass./ID. No. 22501(A).

Akkuzat talli fl-20 ta’ Settembru, 2009, go Triq San Gorg, San Giljan, ghall-habta ta’ 07:00hrs, waqt li kien qed isuq vettura Nru. CAD 094,
1) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma’ vettura b’Nru. FUF 111 u involontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta’ Jeclohan Bugeja,

2) u aktar b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament ikkagunajt griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Jeclohan Bugeja skont ma ccertifikat Dr. Martina Muscat MD mill-MDH,

3) u aktar talli saq jew ipprova jsuq jew kellu kontroll tal-vettura b’Nru: CAD 094, fit-triq jew f’post pubbliku meta ma kienx f’kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi u

4) Talli renda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat it-talba tal-prosekuzzjoni li f’kaz ta’ sejbien ta’ htija, l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji tieghu kollha tas-sewqan.

Rat l-ezami tal-imputat li fih wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz u b’mod partikolari x-xhieda tal-parte civile Jeclohan Bugeja Guildford u ta’ Emanuel Demanuele.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza si tratta ta’ incident awtomobolistiku fejn l-imputat allegatament dahal fil-vettura li kien hemm Jeclohan Bugeja fejn din giet feruta b’daqqa go rasha hekk kif gie ccertifikat mit-tabiba Dr Martina Muscat (Dok MB4) u sussegwentement mill-Professur Joseph Briffa (Dok MB5).

Illi allegatament irrizulta illi l-imputat Seber Elkekli, kien bil-vettura ta’ wara fejn kien hemm il-parte civile u dan baqa’ diehel go din il-vettura.

PS928 xehed fl-affidavit immarkat MB1, illi meta mar fuq il-post, sab lill-imputat ma jistax joqghod fuq saqajh u dan qallu biex joqghod bilqieghda. Huwa qal illi l-imputat ammetta mieghu illi kien ghadu niezel minn Paceville ma’ xi hbieb u dawn kienu qeghdin jixorbu.

Elkekli qallu wkoll illi x-xufiera tal-vettura fejn kien hemm il-parte civile waqfet mal-genb minghajr ma xeghlet l-indicator u kien ghalhekk li baqa' diehel go fihom. Breathalyser test ma sarx fuq l-imputat ghaliex kienu bil-hsara izda PS 928 xehed illi Elkekli kien "jinxtamm u vizibilment kien jidher fis-sakra". Dan l-affidavit gie kkonfermat permezz ta' affidavit ta' PC 834 Johann Vella (Dok MB 2) u permezz ta' xhieda ohra ta' PS 928 illi qal li l-imputat ma setax joqghod fuq saqajh.

Illi mix-xhieda ta' Jeclohan Bugeja rrizulta illi din kienet ma' persuna ohra u dawn kienu sejrin ghax-xoghol f'San Giljan meta xeghlet l-indicator hdejn id-Disc Bar u marret mal-genb. Fil-pront, skont il-verzjoni taghha, giet karozza minn warajha u baqa' diehel gol-wara tal-karozza taghha fejn din giet mitfugha mal-windscreen. Hi u l-passiggiera l-ohra marru l-isptar fejn il-parte civile giet ikkonstatata li kellha dizabilità permanenti ta' 3%.

Il-parte civile xehedet fuq l-apparenza tal-imputat fil-mument tal-incident, l-imputat hareg u qallha biex ihallsilha kollox, hija qalet illi xammet ukoll riha qawwija ta' xorb minn halqu u meta ra l-pulizija beda jirrezisti.

Illi xhud importanti iehor kien Emanuel Demanuele illi xehed fuq id-dinamika tal-incident peress illi kien barra jassisti ghax-xena kollha. Illi fix-xhieda tieghu a fol 59 huwa qal illi kien jaf lil Jeclohan Bugeja u l-persuna li kien hemm maghha peress li kienu jahdmu fl-istabbiliment tieghu. Huwa ra lil Jeclohan tipparkja biex tnizzel lill-ohra u meta mar biex jaqsam it-triq jisma' hoss qawwi u ra karozza bajda mkahhla fil-karozza tal-vittma. Huwa xehed illi jaghraf lill-imputat bhala l-persuna li kien qed isuq il-karozza l-ohra u kkonferma li appena hareg, l-imputat beda jghid il-kliem "I pay everything...". Huwa kkonferma wkoll illi l-imputat deher "xurban, u ma deherx normali", u li kien qed jixxengel. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-parte civile ghamlet il-manuvra taghha billi xeghlet l-indicator u dahlet biex tipparkja.

Illi xhieda tad-difiza ma kienx hemm stante li l-imputat ghazel li ma jixhidx u xhud iehor li allegatament kien mal-imputat waqt il-hin tal-incident ma nstabx.

Ghaldaqstant jidher car u ovvju illi x-xhieda kollha kienu konsistenti fis-sens illi ghalkemm ma kienx hemm rizultanzi tal-breathalyser test, il-provi cirkostanzjali huma bizzejjed sabiex juru li effettivament l-imputat kien xurban fil-mument tal-incident u stante li l-manuvra tal-parte civile Jeclohan Bugeja kienet wahda legittima u legali, l-imputat huwa pjenament responsabbli tal-incident odjern.

(ara Pulizija Vs Calleja Matthew 112/07 deciza fid-9 ta' Awwissu, 2007 u Pulizija Vs Simon Ellul Sullivan 235/05 deciza fl-14 ta' Dicembru, 2005).

Finalment rat ukoll ir-recidività tal-imputat illi din giet ippruvata permezz ta' dokumenti mmarkati Dok MB9 u Dok a fol 49.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(h), 31, 49, 50, 226 (1)(a), 328(b) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikoli 15A u 15H (1)(a) tal-Kap 65 qed issib lill-imputat Seber Elkekli hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante illi l-ewwel akkuza hija assorbita fit-2 akkuza, qeghda tikkundannah ghal 7 xhur prigunerija flimkien mas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' sena (1).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------